# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 24**

**Avviz numru 247/02/SM**

**J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited**

**vs**

**Mediterranean Film Studios Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 t'April tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u seba' u hamsin centezmi (LM2273.57,0) prezz ta' hadid u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat mill-istess socjeta' konvenuta;**

2. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal datat il-15 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-Qorti, wara talba appozita, ikkoncediet ghoxrin (20) gurnata lis-socjeta' konvenuta biex tipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet taghha stante li kellha interess tikkontesta l-ammont mitlub fil-konfront taghha;

Innotat li dan il-perjodu ghadda inutilment;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi effettivament is-socjeta' attrici bieghet u ikkonsenjat hadid u materjal tal-bini lis-socjeta' konvenuta ammontanti ghall-valur minnha mitlub fl-avviz odjern;

Illi s-socjeta' konvenuta anke irrikonoxxiet dan permezz ta' dokumentazzjoni ipprezentata fl-atti ta' din il-procedura;

Illi nonostante dan baqghet ma hallsitx l-ammont minnha dovut lis-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Mediterranean Film Studios Limited thallas lis-socjeta' attrici J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited l-ammont ta' elfejn, mitejn u tlieta u sebghin Lira Maltin u seba' u hamsin centemzu, (Lm2,273.57.0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-19 ta' Novembru tas-sena 2001.

John Farrugia
Deputat Registratur